**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 396/2021JPG**

**Kawza Numru : 8**

**AB**

**vs**

**MB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AB, datat 6 ta' Settembru 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ippremetta hekk:

*Illi l-esponenti AB u MB izzewwgu nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015), gewwa l-Parrocca ta' H'Attard, certifikat taz-zwieg esebit, anness u mmarkat Dok.A;*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affettwaw is-separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Katrin Bartolo data tmintax (18) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u dsatax (2019), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok.B;*

*Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieled tifel bl-isem ta' LB li twieled nhar X u ghadu minorenni*

*Illi rigward tal-manteniment dovut favur il-minorenni, u peress li kien sar set off ghas-sehem dovut lill-esponenti tal-proprjeta li kellhom il-partijiet konguntivament mal-manteniment, l-esponenti jaghmel referenza ghal klawsola numru sittax (16) tal-manteniment fejn tindika li l-manteniment kif stipulat ghandu jibda jithallas wara li*

*jghaddu erbatax (14) il-sena u tmien (8) xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-att ta' separazzjoni. Illi ghalhekk ma hemm ebda arretrati, anzi l-manteniment ghal perjodu ta' erbatax-il sena u tmien xhur diga saldat;*

*Illi inoltre ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jinghad f'paragrafu numru hamsa (5), tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide Dok B);*

*Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull wahda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xulxin u ghalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artiklu 66(b) jirrizulta sodisfatt;*

*Illi l-konjugi inoltre ilhom separati de facto mis-17 (sbatax) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u ghalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artikolu 66B(a) jirrizulta sodisfatt;*

*Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

**Ghaldaqstant** *l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MB datata 1 ta' Novembru 2021. a fol 29 fejn ippremettiet is-segwenti:

*Illi hija qieghda taqbel mal-kontenut tar-rikors suindikat u mat-talbiet imressqa mir-rikorrenti AB u ghalhekk ma topponix illi z-zwieg taghhom jinhall u jigi ppronunzjat id-divorzju bejniethom.*

Ezaminat ix-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' AB tas-17 ta' Settembru 2021 fejn iddikjara li ma ghandux aktar provi x'jipproduci stieden lil din Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

In segwitu taz-zwieg taghhom, fis-27 ta' Gunju 2015, **AB** xehed (fol 27) li l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Katrin Bartolo datar tmintax (18) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u dsatax (2019), izda kienu ilhom mifrudin mis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018). Jghid ukoll li mid-data tas-separazzjoni l-kontendenti qatt ma rrikonciljaw.

Minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed li ghadu minorenni. Inoltre ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom jew fir-rigward tal-minuri. Jiddikjara li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikoncilazzjoni bejniethom u li llum jghixu hajja separata minn xulxin.

**MB** xehdet (vide fol 30) u kkorroborat ma' dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda***

***minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Gunju 2015, liema zwieg jgib c-certifikat numru 2077/2015 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3) u li minn dan

iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-18 ta' Dicembru 2019 fl-atti tan-Nutar Dottor Katrin Bartolo (vide Dok B, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal terminu taz-zmien li jeccedi dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 2077/2015 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**